**MARSAXLOKK**

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar it-Tlieta 19 ta' Awissu 2014, fil-5:00 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum it-2 t'Awissu 2014
Nru 40

## Agenda

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Rapport ta' kull kwart April-Gunju 2014
6. Sejha ghall-offerti dwar manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-toroq (MXLC01/2014)
7. Sejha ghall-kowtazzjonijiet dwar insurance ( MXLC02/2014)
8. Lista ta' works orders/purchase orders
9. Lista ta' petty cash
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Affarijiet ohra
12. Aggornament

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 40, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 19 t'Awissu 2014, fil-5.00 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.)<br>Stephen Caruana ( S.C.) |
| Assenti | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Rapport ta' kull kwart April-Gunju 2014
6. Sejha ghall-offerti dwar manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-toroq (MXLC01/2014)
7. Sejha ghall-kwotazzjonijiet dwar insurance (MXLC02/2014)
8. Lista ta' works orders/purchase orders
9. Lista ta' petty Cash
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Affarijiet ohra
12. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**40/01 Qari tal-Minuti**

40/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 40, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

40/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-minuti gew unanimament approvati

40/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bhala dokument korrett.

**40/02** ***Arisings*** **mill-Minuti**

40/02/01 Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier Angelo Micallef kien ha hsieb illi tittella' l-laqgha ghall-ghaqdiet hekk kif deciz fis-seduta precedenti (minuta 39/05/01). Huwa zied jghid illi l-partecipazzjoni tal-ghaqdiet kienet wahda deludenti bl-ghaqda Muzikali Pompei biss tibghat ir-rapprezentant taghha.
Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu in-nuqqas ta' attendenza kien ifisser illi ma kienx hemm fiducja mill-ghaqdiet tal-lokal fis-Sotto Kumitat in-kwistjoni. Huwa zied jghid illi fil-futur, l-imsemmi Sotto-Kumitat kellu jahdem sabiex is-sitwazzjoni tinbidel.

40/02/02 Is-Sur Angelo Micallef staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kenitx waslet xi risposta rigward ittra li kienet intbaghtet lill-Onor. Konrad Mizzi b'konnessjoni ma' regeneration plan li kien qieghed jigi propost ghal Marsaxlokk (39/03/01). Is-Sindku informa lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda risposta. Kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ma jkun hemm ebda zvilupp relatat mal-kwistjoni sas-seduta segwenti tintbaghat korrispondenza lill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar il-materja.

**40/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

40/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar l-14 t'Awissu 2014, fil-kwalita' ta' Sindku kien amminsitra tieg bic-civil fil-park ta' Xrobb l-Ghagin. Is-Sindku zied jghid illi din l-okkazjoni kienet l-ewwel wahda tax-xorta taghha ghall-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk u ghaldaqstant f'isem il-Kunsill Lokali kien ipprezenta plakka kommemorattiva lill-koppja li kien zewweg.

40/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi waqt seduta tar-regjun Xlokk kien gie deciz illi l-kumpanija Guard & Warden kellha tiehu x-xoghol relatat ma gwardjani lokali u infurzar tal-ligijiet li kienet taghmel Sterling Security Ltd. Din id-decizjoni kellha tidhol fis-sehh b'effett mill-1 ta' Settembru 2014 u r-Regjun kien wasal ghad-decizjoni wara li Sterling Security kienet habbret illi ma kenitx ser tibqa' toffri s-servizzi taghha.

40/03/03 Is-Sindku qal illi waqt l-istess seduta tar-Regjun Xlokk, kienet tressqet proposta sabiex jonqsu t-tribunali fir-regjun. Dan bil-ghan illi jonqsu l-ispejjez amministrattivi relatati mar-Regjun. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi l-mozzjoni mressqa giet approvata.

40/03/04 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara laqghat li kellu ma' rapprezentanti ta' Gal Xlokk, Planning and Priorities Co-Ordination Division u l-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu kien hemm il-hsieb illi tigi sottomessa applikazzjoni gdida ghal Tourist Information Office. Dan peress illi s-sit identifikat mill-Kunsill Lokali fi Triq l-Arznell ma kienx gie meqjus bhala adegwat. Is-Sindku qal illi kien qieghed jigi propost illi t-tourist information office isir fi Triq Xatt is-Sajjieda biswit latrina pubblika. Huwa zied jghid illi f'isem il-Kunsill Lokali kien avvicina lis-Sur Antoine Garnisi sabiex jigu mhejjija l-pjanti mehtiega sabiex tkun tista' tigi sottomessa l-applikazzjoni ghand l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar. Dan bil-ghan illi l-Kunsill Lokali japplika sabiex jikseb fondi ewropej ghall-implimentazzjoni tal-inzijativa.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu kemm fuq is-sit indentifikat kif ukoll fuq il-mod kif kien qiegħed jimxi l-Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-materja.

40/03/05 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi transport Malta ma kentix accettat il-proposta tal-Kunsill Lokali ghal *pedestrian crossing* f'parti minn Triq Santa Katertina. Minflok kienet saret rakkomandazzjoni ghal pedestrian crossing f'zona differenti fl-istess triq. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, is-sit identifikat minn Transport Malta ma kienx l-idejali u ghaldaqstant kienet intbaghtet korrispondenza lil TM dwar din il-materja. Madanakollu, TM baqghet tinsisti illi l-*pedestrian crossing* issir fis-sit identifikat minnha u mhux f'dak identifikat mill-Kunsill Lokali.
Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha intlehaq qbil illi kellha tingibed l-attenzjoni ta' Transport Malta dwar il-materja. Kemm il-darba s-sitwazzjoni ma tigix rizolta il-Kunsill Lokali kellu jwahhal avviz sabiex jinforma lill-pedonali bis-sitwazzjoni.

40/03/06 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kien talab lil Transport Malta konferma dwar il-permessi li kien hemm b'konnessjoni ma' roadmarkings f'Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi f'isem Transport Malta, il-Perit Audrey testaferrata deNoto kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi Transport Malta ma kenitx approvat is-sistema ta' parkegg li kien hemm fit-triq in-kwistjoni u rrakkomandat illi l-Kunsill Lokali jiccara l-materja mal-Gvern Centrali li kien ha hsieb ix-xogholijiet meta saru is-sinjali tal-parkegg

40/03/07 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-1 t'Awissu 2014, kien ircieva e-mail minghand is-sur Andre Spiteri, l-ambaxxatur Malti ghall-Gappun li kien infurmah bil-possibilita' illi jkun hemm gemellagg mal-belt ta' Onomichi fil-Gappun. Is-sur Spiteri kien infurmah illi kellu laqgha mas-Sindku tal-belt imsemmija nhar l-4 t'Awissu 2014 u talab illi l-Kunsill Lokali jinfurmah jekk kienx interessat illi jibda' d-diskussjonijiet mal-belt ta' Onomichi. Is-Sindku qal illi f'isem il-Kunsill Lokali kien informa lis-Sur Spiteri illi kemm il-darba tkun tezisti possibilita' konreta l-Kunsill Lokali jikkunsidra illi jissieheb f'gemellagg mal-belt ta' Onomichi.

**40/04** **<u>Korrispondenza</u>**

40/04/01 Permezz ta' ittra datata 13 t'Awissu 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar baghtet ittra lill-Kunsill Lokali li permezz taghha infurmatu bit-tracking number ghal applikazzjoni li kienet giet sottomessa b'konnessjoni ma' *Tourist Information Office* li kien qieghed jigi propost fi Triq Xatt Is-Sajjieda, biswit latrina pubblika.

40/04/02 Permezz ta' e-mail datat 22 ta' Lulju 2014, is-Sa. Emma Gauci, f'isem il-*Malta Sailing Academy,* talbet lill-Kunsill lokali jevalwa l-possibilita' illi jittellghu korsijiet dwar 'First Aid' gewwa Marsaxlokk.
Wara li inqrat l-email kien hemm diskussjoni libera li matulha intlehaq qbil illi kellhom jintalbu aktar dettalji dwar il-kors sabiex tigi evalwata ahjar il-proposta tal-*Malta Sailing Academy.*

40/04/03 Permezz ta' e-mail datat 5 t'Awissu 2014, is-Sur Cleavon Vella f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni ghad-devoluzzjoni ta' sit fi Triq l-Arznell li kien issottometta l-Kunsill Lokali kienet

tinstab ghand il-*Government Property Division* u kien fadal l-ahhar konkluzjoni Ministerjali sabiex il-process ikun kompletat.

40/04/04 Permezz ta' e-mail datat 16 t'Awissu 2014, is-Sur Christopher Farrugia, manager tal-istazzjoni tar-radju Unique Radio talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikunu jistghu isiru xandiriet mill-bajja tal-maghluq darbtejn fil-gimgha ghall-perjodu tas-sajd. Is-Sur Farrugia sahaq illi x-xandiriet kienu ser jigu trasmessi minn vann li kien gie trasformat fi studio u ghaldaqstant ma kien ser jinholoq ebda inkonvenjent.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Farrugia sakemm ma tkun qieghda tinkiser ebda ligi min-naha ta' Unique Radio.

40/04/05 Permezz ta' e-mail datat 22 ta' Lulju 2014, is-Sindku talab lill-Onor. Evarist Bartolo jghin lill-Kunsill Lokali f'talba li kienet saret lill-iskola primarja. Fil-fatt il-Kunsill Lokali kien talab illi jiehu l-arja ta' fuq kamra li kien hemm biswit l-entratura tal-iskola primarja. Ghal din it-talba, il-Kunsill Lokali ma kienx ircieva risposta.
Is-Sur Edric Micallef qal illi fir-riposta li kien baghat, l-Onor. Bartolo kien infurmah illi kemm il-darba ma kien ser jinholoq ebda inkonvenjent jew periklu ghall-istudenti ma kien hemm ebda raguni sabiex it-talba tal-Kunsill Lokali ma tigix milqugha.

40/04/06 Ittra datata 31 ta' Lulju 2014 li permezz taghha l-Kunsill Lokali gibed l-attenzjoni tas-sidien tal-istabbilimenti ta' Xatt is-Sajjieda rigward it-tnehhija ta' bins-on-wheels matul il-gimgha tal-festa. Hekk kif maqbul matul is-seduta precedenti, permezz tal-istess ittra, il-Kunsill Lokali gibed l-attenzjoni tas-sidien tal-istess stabbilimenti rigward *bye-law* li kienet dahlet fis-sehh u li kienet applikabbli ghall-*bins-on-wheels* fost affarijiet ohra.

40/04/07 Permezz ta' ittra datata 31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill Lokali informa lis-Sur Saviour Schiavone illi b'konnessjoni mat-talba tieghu sabiex jitpoggew imwejjed, umbrelel u siggijiet fi Triq Xatt is-Sajjieda, kienet ittiehdet id-decizjoni illi jinhareg permess temporanju skond legislazzjoni sussidjarja 441.04. B'hekk filwaqt illi s-Sur Schiavone ikun inghata permess biex jopera, il-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni ahjar li jevalwa s-sitwazzjoni.

40/04/08 E-Mail datat 22 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali talab lis-Sur John Galea mill-*Government Property Division*, jinfurmah jekk kienx hemm bzonn ta' xi azzjoni min-naha tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' devluzzjoni ta' sit li kien jinstab fi Triq l-Arznell, Marsaxlokk.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi risposta ghall-e-mail mibghtua kienet ghadha ma waslitx.

40/04/09 Permezz ta' avvizi datati 19 u 26 ta' Lulju 2014,u 2 u 9 t'Awissu 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali b'applikazzjonijiet ta' zvilupp godda li kenet irceviet.
Wara li gew ezaminati l-applikazzjonijiet, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet sottomessi.

40/04/10 Permezz ta' e-mail datat 6 t'Awissu 2014, is-Sur Camilleri ressaq proposta ta' attivita' lill-Kunsill Lokali. L-attivita' li inghatat l-isem Festa Hut, kienet simili ghal dik illi fil-passat kienet giet organizzata mill-Gvern Centrali gewwa Marsaxlokk u kienet tinkludi fost l-ohrajn esibizzjonijiet, Bejgh ta' hut, kids' area, Fish spa ecc. Is-

Sur Camilleri zied jghid illi l-ispiza approssimattiva sabiex tittella' l-attivita' kienet ser tkun ta' madwar €5 375.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-attivita' kienet wahda tajba u li meta giet organizzata kienet irrizultat f'success. Madanakollu, l-ispiza relatata mal-istess attivita' kienet ser tkun piz finanzjarju illi l-Kunsill Lokali ma setax jiflah. Ghaldaqstant, kellha tintbaghat e-mail lill-Onor Roderick Galdes bil-ghan illi s-Segretarjat Parlamentari tieghu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati mal-attivita' proposta.

40/04/11 Permezz ta' e-mail datat 12 t'Awissu 2014, is-Sindku informa lill-kumpanija AFS Ltd. illi kien hemm hsarat f'*water feature* li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda u li b'konnessjoni maghha AFS Ltd. kellha kuntratt mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku talab lil AFS Ltd. rapport dwar il-hsarat li kien fiha l-*water feature* flimkien ma' soluzzjonijiet li kellhom jittiehdu sabiex tissolva l-hsara li kien hemm.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda risposta rigward il-materja. Wara diksussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba il-Kunsill Lokali jibqa' minghajr risposta ghal zmien konsiderevoli fis-sit issir tabella li tindika r-ragunijiet li ghalihom il-*water feature* ma' kenitx qieghda tahdem.

40/04/12 Permezz ta' e-mail datat 1 t'Awissu 2014, is-Sur Andre' Schembri, ambaxxatur Malti ghall-Gappun, informa lis-Sindku bil-possibilita' illi jsir gemellagg mal-belt ta' Onomichi, fil-Gappun. Is-Sur Schembri informa lill-Kunsill Lokali illi huwa kellu laqgha ma' rapprezentanti tal-belt ta' Onomichi, u ghaldaqstant kemm il-darba kien hemm l-interess min-naha tal-Kunsill Lokali, l-istess Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt mieghu qabel il-gurnata.
Is-Sindku qal illi wara li kellu kuntatt telefoniku mal-Kunsill Lokali, permezz ta' e-mail datat 2 t'Awissu 2014, kien ikkonferma illi kemm il-darba tezisti l-possibilita' konkreta, il-Kunsill Lokali kien interessat illi jibda komunikazzjonijiet bil-ghan illi eventwalment iz-zewg partijiet ikunu gemellati flimkien.

40/04/13 Permezz ta' e-mail datat 12 t'Awissu 2014,is-Sa Susanna Bonello, f'isem Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-proposta tal-Kunsill Lokali sabiex pedestrian crossing li kienet ser issir tigi rilokata mis-sit propost minn Transport Malta me setghetx tigi milqugha ghaliex kienet ser tkun vicin wisq ta' pedestrian crossing ezistenti.
Is-Sindku qal illi b'referenza ghal din l-email, f'isem il-Kunsill Lokali kien baghat risposta lil Transport Malta.

40/04/14 Permezz ta' e-mail datat 16 t'Awissu 2014, il-Perit Audrey Testaferratat deNoto, infurmat lill-Kunsill Lokali illi sinjali tat-traffiku li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda ma kienux saru bl-approvazzjoni ta' Transport Malta u tat parir lill-Kunsill Lokali li jaghmel kuntatt mal-Gvern Centrali li kien responsabbli mix-xogholijiet li kienu saru.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-materja fis-seduta segwenti.

40/04/15 E-Mail datat 7 t'Awissu 2014 minghand is-Sur Etienne Scicluna, li f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali bl-applikazzjoni u dettalji dwar il-European Mibility week and car free day 2014.
Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa fil-European Mobility week 2014. Gie deciz illi kellha ssir

attivita' nhar il-Hadd 21 ta' Settembru 2014. L-attivita' kellha tikkonsisti fl-gheluq ta' Xatt is-Sajjieda ghat-taffiku. Fl-istess waqt sidien ta' stabbilimenti fiz-zona kellhom jinghataw l-opportunita' illi jpoggu imwejjed u siggijiet fil-karreggjata.

40/04/16 Permezz ta' e-mail datat 13 t'Awissu 2014, is-Sa. Rita Sant, f'isem l-Universita' ta' Malta, infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ser isir xi titjib fl-*Institute of Solar Energy* li kien jinstab fi Triq il-Barrakki, Marsaxlokk u li kienet responsabbli minnu l-istess Universita'. Permezz tal-istess e-mail, il-Kunsill Lokali gie mitlub jirranga l-madwar tas-sit. L-istess Kunsill Lokali gie infurmat illi l-Universita' ta' Malta kienet ghamlet talba lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tikseb bicca art mal-genb tal-binja ezistenti u talbet l-ghajnuna tal-Kunsill Loklai fir-rigward.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' t-talba tal-Universita' ta' Malta. Dan peress illi l-proposta mressqa kienet ser tkun qieghda tohloq triq gdida meta fl-opinjoni tal-Kunsill Lokali ma kienx hemm il-htiega.

40/04/17 Permezz ta' e-mail datat 7 t'Awissu 2014, is-Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sinjura Eliane Bezzina illi kien ser jghaddi kontenut ta' e-mail li l-istess Sa. Bezzina kienet baghtet lill-Kunsill Lokali. Fl-email taghha is-Sa. Bezzina kienet sahqet illi xoghol relatat ma' knis ta' toroq fil-lokalita' kien qieghed isir skond l-obbligi kontrattwali.

Is-Sur Steven Grech semma kif kienu diversi l-okkazjonijiet li fihom wara spezzjoni li jkun ghamel jirrizulta illi f'Marsaxlokk ikun intabghat haddiem wiehed sabiex jaghmel ix-xoghol. Is-Sindku qal illi kienu diversi r-residenti li kienu avvicinawh u infurmawh illi l-knis tat-toroq ma kienx qieghed isir b'mod regolari u skond ir-rotta stabbilita' mill-Kunsill Lokali. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi b'zieda ma dak li kien qal is-Sindku, huwa seta jikkonferma illi kien hemm xi zoni minn Marsaxlokk li ma kienux qieghdin jinkinsu. Ezempu ta' dan kien gnien il-familja illi ma kienx inkines ghal diversi gimghat u tnaddaf biss wara li huwa kien gibed l-attenzjoni ta' haddiem minn tal-kuntrattur in-kwistjoni.

Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu illi kellha tinhareg ittra ta' *default in performance* fil-konfront tas-Sur Ronald Bezzina.

40/04/18 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Lulju 2014, is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali, kien wiegeb e-mail tas-Sur Randall Caruana li kien sahaq illi hsarat li kien hemm f'parati fi skalien matul Xatt is-Sajjieda kellhom jigu msewwija mill-Kunsill Lokali ghaliex dan tal-ahhar kien responsavvli miz-zona skond artiklu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Fl-email tieghu, is-Sindku kien qal illi l-imsemmija parati kienu jaghmlu parti minn attivita' kummercjali specifika u ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma kellux jefa' r-responsabilita' finanzjarja tat-tiswijiet.

Is-Sur Edric Micallef qal illi dwar din il-materja kien infurma lill-Onor. Roderick Galdes u kien ser izomma lill-Kunsill Lokali infurmat b'eventwali zviluppi li kien ser ikun hemm.

**40/05 <u>Rapport ta' kull kwart April-Gunju 2014</u>**

40/05/01 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu April-Gunju 2014. Is-Sur Hall imbaghad ghadda biex jaghti speja dettaljata tar-rapport u fisser kif l-infiq tal-Kunsill Lokali ghat-tieni kwart tal-2014 kien bejn wiehed u iehor hekk kif ippjanat. Huwa zied jghid illi ghalkemm fir-rapport kien jidher illi kien hemm spiza kapitali ta' madwar €106 000, dawn il-fondi kienu fil-maggoranza taghhom ser jinkisbu mill-Urban Improvement Fund tal-

Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar u ghaldaqstant ma kienux ser jaffettwaw l-operat tal-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni libera li matulha saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera lis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Carmelo Bugeja ippropona l-approvazzjoni tar-rapport hekk kif propost. Is-Sur Edric Micallef issekonda l-proposta tas-Sur Carmelo Bugeja li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**40/06** **Sejha ghall-offerti dwar manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-toroq (MXLC01/2014)**

40/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-Koperativa ghat-tabelli u Sinjali rigward tabelli u sinjali tat-traffiku kien ghalaq u kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar jekk kelliex tinhareg sejha mill-gdid ghax-xoghol in-kwistjoni.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-kunsill Lokali ma kellux ir-rizorsi umani mehtiega sabiex iwettaq ix-xoghol in-kwistjoni. Dan minbarra l-fatt illi minn meta l-Kunsill Lokali kien beda' jaghmel ix-xogholijiet permezz ta' kuntrattur privat kienet zdiedet il-kwalita tas-sinjali tat-toroq. Huwa ghaldaqstant ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali johrog sejha ghall-offerti dwar tabelli u sinjali tat-toroq. Is-Sur Angelo Micallef issekonda l-proposta tas-Sur Edric Micallef li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**40/07** **Sejha ghall-kwotazzjonijiet dwar insurance (MXLC02/2014)**

40/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma Mediterranean Insurance Brokers Ltd. ghal insurance coverage, kien jaghlaq fl-ahhar ta' Ottubru 2014 u kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet mill-gdid.
Is-Sur Steven Grech ressaq proposta li giet issekondata mis-Sur Stephen Caruana sabiex il-Kunsill Lokali johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet dwar *Insurance Coverage*. Kien hemm votazzjoni unanima favur il-proposta tas-Sur Grech.

**40/08** **Lista ta' works orders/purchase orders**

40/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works orders/purchase orders mahruga mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Lulju 2014.

40/08/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill unanimament approva l-lista imsemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**40/09** **Lista ta' Petty Cash**

40/09/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Lulju 2014

40/09/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Carmelo Bugeja, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**40/10 Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

40/10/01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 08/2014) għall-approvazzjoni.

40/10/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**40/11 Affarijiet oħra**

40/11/01 *Sinjali fi Triq il-Kajjik*
Is-Sindki semma kif is-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Kajjik kienu ddeterjoraw u fl-opinjoni tiegħu, kien hemm il-ħtieġa illi isiru sinjali tat-traffiku mill-ġdid. Wara diskussjoni qasira dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb jagħmel sinjali tat-traffiku godda fi Triq il-Kajjik.

40/11/02 *Ħsarat fil-parati tal-iskalien f'Xatt is-Sajjieda u Kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma b'konnessjoni ma winchrooms f'Xatt is-Sajjieda.*
Is-Sur Angelo Micallef qal illi minkejja li kienet diġa' ingħatat spjega dwar is-sitwazzjoni tal-ħsarat li kien hemm fil-parati tal-iskalien li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda, fis-seduta kien għadu ma' ssemma sejn rigward kontijiet pendenti li kien hemm tad-dawl u l-ilma. Huwa talab lill-Kunsill Lokali sabiex iżommu aġġornat b'eventwali żviluppi li seta' jkun hemm dwar il-materja.

40/11/03 *Infurzar tal-liġi f'Marsaxlokk*
Is-Sur Angelo Micallef staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi f'Marsaxlokk riżultat ta' nuqqas ta' pulizija. Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi huwa kien talab laqgħa mal-ispettur Melvyn Camilleri li kien ġie assenjat fuq id-distrett. Għal raġunijiet li l-Kunsill Lokali ma kellu ebda kontroll fuqhom il-laqgħa kienet għadha ma saritx.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba ma tinżammx laqgħa fl-iqsar żmien possibbli, il-Kunsill Lokali kellu jibgħat ittra lis-Sur Ray Zammit b'kopja tal-istess ittra tintbagħat lill-Onor. Dr.Manuel Mallia sabiex jinfurmahom bis-sitwazzjoni.

40/11/04 *Impjieg tas-Sinjura Joan Mifsud*
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi s-Sinjura Joan Mifsud kienet għalqet sena taħdem mal-Kunsill Lokali u għaldaqstant kienet intitolata sabiex titla' notch fi skala 15. Is-Sur Hall żied jgħid illi waqt diskussjoni li kellu mas-Sur Pio Farrugia, assistent direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kien irriżulta illi fir-regoli tar-riżorsi umani tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali kien hemm klawsola li kienet tgħid illi l-impjegati iridu jilħqu l-massimu tal-iskala li jkunu fiha fi żmien tliet snin. Dan kien ifisser illi meta impjegat jiġi ingaġġjat jew jitla' fi skala ogħla, irid jidħol f'notch 3 tal-istess skala sabiex jilħaq il-massimu tal-istess skala fiż-żmien imsemmi. Is-Sur Farrugia kien ta' parir illi s-Sa. Mifsud għandha titla' b'effett immedjat f/notch 3 ta' skala 15 u tingħata l-arretrati tad-differenza rispettiva.
Wara diskussjoni libera, filwaqt li kien hemm qbil unanimu illi s-Sa Mifsud kellha titla' notch fi skala 15 hekk kif kienet intitolata, ġie deċiż illi sabiex ikun konformi mar-regolamenti, is-Sa. Mifsud titla' għal notch 3 b'effett immedjat u tingħata l-

arretrati rispettivi. Dan kien ifisser illi mill-1 ta' Settembru 2014, is-Sa. Mifsud tigi ingaggjata f'notch 4 ta' skala 15.

40/11/05 *Kontijiet tal-Wasteserv Malta*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi waqt ezercizzju li kien sar mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward il-kontijiet li l-Kunsill Lokali jircievi minghand Wasteserv Malta kien irrizulta illi kien hemm tnaqqis drastiku fl-ammont ta' flus li l-Kunsill Lokali kien qieghed ihallas b'konnessjoni mar-rimi ta' skart domestiku. Is-S.E. zied jghid illi fix-xhur ta' Gunju u Lulju 2014, il-Kunsill Lokali kien hallas madwar €500 inqas mix-xahar ta' Mejju 2014. Huwa zied jghid illi l-probabilita' kienet illi dan kien dovut ghall-mizura li kien ha l-Kunsill Lokali illi ma jigborx skart tal-istabbilimenti kummercjali li kienet dahlet fis-sehh fi tmiem Mejju 2014

**40/12 Aġġornament**

40/12/01 Is-Seduta spiccat fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014 fil-5:00p.m.

____________________

**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

____________________

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: ____________________

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK** **Skeda Nru. 8/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 18/07/14 sa 19/08/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ronald Bezzina SSS | € 1,781.25 | € 1,781.25 | T | PF | Street Sweeping for july 2014 | 30/07/2014 | Inv02 | n/a | n/a | | 8203 |
| 2 | Ronald Bezzina SSS | € 264.00 | € 264.00 | T | PF | Bulk refuse bill for April 2014 | 28/04/2014 | Inv06 | n/a | n/a | | 8203 |
| 3 | Ronald Bezzina SSS | € 267.00 | € 267.00 | T | PF | Bulk Refuse bill for May 2014 | 28/05/2014 | Inv07 | n/a | n/a | | 8203 |
| 4 | Marvin Ellul | € 88.50 | € 88.50 | D | PF | Professional fees icw Compliance Certificate | 03/06/2014 | ME14083 | n/a | n/a | | 8204 |
| 5 | Marvin Ellul | € 350.39 | € 350.39 | D | PF | Professional fees icw with playing field (Wilga Str) | 17/05/2013 | ME11173-Bill2 | n/a | n/a | | 8204 |
| 6 | GO Plc | € 62.08 | € 62.08 | D | PF | Various Telecommunication charges | 13/08/2014 | 39469211 | n/a | n/a | | 8205 |
| 7 | GO Plc | € 24.69 | € 24.69 | D | PF | Bill for internet key | 11/08/2014 | 39437010 | n/a | n/a | | 8205 |
| 8 | GO Plc | € 12.34 | € 12.34 | D | PF | Bill for internet key | 10/07/2014 | 38997497 | n/a | n/a | | 8205 |
| 9 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | € 50.00 | € 50.00 | D | PF | Diesel for council's Van | 04/08/2014 | 21184 | 1043 | 1465 | | 8206 |
| 10 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | € 53.01 | € 53.01 | D | PF | Diesel for council's Van | 28/07/2014 | 21182 | 1028 | 1450 | | 8206 |
| 11 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | € 72.00 | € 72.00 | D | PF | Diesel for council's Van | 21/07/2014 | 21176 | 1035 | 1447 | | 8206 |
| 12 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | € 48.69 | € 48.69 | D | PF | Diesel for council's Van | 11/08/2014 | 21183 | 1048 | 1470 | | 8206 |
| 13 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | € 70.00 | € 70.00 | D | PF | Diesel for council's Van | 18/08/2014 | 21192 | 1053 | 1475 | | 8206 |
| 14 | J.J. Ironmongery | € 11.05 | € 11.05 | D | PF | Ironmongery | 05/08/2014 | 205598 | 1039 | 1459 | | 8207 |
| 15 | J.J. Ironmongery | € 31.35 | € 31.35 | D | PF | Ironmongery | 18/07/2014 | 204583 | 1021 | 1443 | | 8207 |
| 16 | J.J. Ironmongery | € 7.30 | € 7.30 | D | PF | Ironmongery | 16/07/2014 | 204437 | 1019 | 1439 | | 8207 |
| 17 | J.J. Ironmongery | € 14.25 | € 14.25 | D | PF | Ironmongery | 12/08/2014 | 206033 | 1050 | 1472 | | 8207 |
| 18 | Nazzareno Camilleri | € 280.00 | € 280.00 | D | PF | 4x Open skips | 12/08/2014 | 7158533 | 1035/1046 | 1458/1468 | | 8208 |
| 19 | Nazzareno Camilleri | € 260.00 | € 260.00 | D | PF | 4x Open skips | 04/08/2014 | 7158524 | 1001/1008/1030 | 1422/1429/1452 | | 8208 |
| 20 | Jessica Caruana | € 220.00 | € 220.00 | D | PF | Librarian assistant and story telling fees | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8209 |
| | **Sub Total c/f** | **3967.9** | **€3,967.90** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **3967.9** | **€3,967.90** | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Approvati fis-Seduta Nru: 40

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsill Lokali: MARSAXLOKK

Skeda Nru. 8/14

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 18/07/14 sa 19/08/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Director General - Works Div | €118.00 | €118.00 | D | PF | Opening of public conveniences 25/7/14 | 28/7/14 | e | 1027 | 1449 | | 8210 |
| 22 | Director General - Works Div | €354.00 | €354.00 | D | PF | Opening of public conveniences 1-3/8/14 | 06/08/2014 | MTI-CSD30/14 | 1031 | 1453 | | 8210 |
| 23 | Datatrak IT Services | €15.69 | €15.69 | D | PF | One pre-regional ticket | 31/07/2014 | 1010905 | n/a | n/a | | 8211 |
| 24 | ELC Ltd | €1,017.29 | €1,017.29 | T | PF | Gardening works for July 2014 | 31/07/2014 | 10858 | n/a | n/a | | 8212 |
| 25 | Sterling Security | €35.40 | €35.40 | D | PF | Extra warden hours for july 2014 | 01/08/2014 | 15773 | n/a | n/a | | 8213 |
| 26 | MICAR Minimarket (Natasha Caruana) | €126.80 | €126.80 | D | PF | Groceries for July 2014 | 14/08/2014 | 301 | various | various | | 8214 |
| 27 | ScanMalta (PC Options Ltd.) | €64.50 | €64.50 | D | PF | UPS 850VA | 06/08/2014 | MP419606 | 1044 | 1466 | | 8215 |
| 28 | G4S Security Services ltd | €40.12 | €40.12 | D | PF | Cash Collection Services ( July 2014) | 31/07/2014 | GS010432 | n/a | n/a | | 8216 |
| 29 | Jason Gauci | €148.35 | €148.35 | D | PF | Newspapers for July 2014 | 04/08/2014 | INV7/14 | 1042 | 1464 | | 8217 |
| 30 | Rosello Cassar | €180.00 | €180.00 | D | PF | Signs for Playing Fields | 15/07/2014 | 46 | 964 | 1384 | | 8218 |
| 31 | Asound | €250.00 | €250.00 | D | PF | Hiring of PA System | 8/4/2014 | 2060 | 1036 | 1457 | | 8219 |
| 32 | Schembri Concrete Blocks Ltd. | €48.38 | €48.38 | D | PF | Bricks 7" | 8/5/2014 | 95860 | 1038 | 1461 | | 8220 |
| 33 | Adeodato Schembri | €171.10 | €171.10 | D | PF | Drilling of Various Holes | 12/08/14 | INV12/14 | 1049 | 1471 | | 8221 |
| 34 | F Caruana Brothers | €11.21 | €11.21 | D | PF | Ironmongery | 17/06/14 | 8238 | 983 | 1404 | | 8222 |
| 35 | Carmen Sciculna | €287.55 | €287.55 | D | PF | Librarian fees for July 2014 | 10/08/2014 | 08102014 | n/a | n/a | | 8223 |
| 36 | Victor Busuttil | € 29.50 | € 29.50 | D | PF | Water bowser (X3000 gallons) | 15/07/2014 | INV2/14 | 1017 | 1438 | | 8224 |
| 37 | Duncan Hall | €79.79 | €79.79 | D | PF | Reimbursement for use of personal transport | 19/08/2014 | req08/dh/2014 | n/a | n/a | | 8225 |
| 38 | AID Ltd | €952.20 | €952.50 | K | PF | Online Streaming & maintenance agreement | 01/07/2014 | inv18 | n/a | n/a | | 8226 |
| 39 | Image Systems Ltd | €83.70 | €83.70 | K | PF | Usage counters for WC7525 | 30/06/2014 | fsma/105882 | n/a | n/a | | 8227 |
| 40 | Horace Enterprises Ltd | €30.00 | €30.00 | d | PF | Memento for wedding | 13/08/14 | 6062 | 1040 | 1462 | | 8228 |
| | **Sub Total c/f** | **4043.58** | **€4,043.88** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **3967.9** | **€3,967.90** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **8011.48** | **€8,011.78** | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Approvati fis-Seduta Nru: 40

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK**



## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 18/06/14 sa 19/08/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Edric Micallef | €50.00 | €50.00 | D | PF | Reimbursement for screening fee icw Tourist info office application | 8/8/14 | 117422-7950-6 | n/a | n/a | | 8229 |
| 42 | Neptune Pools | €85.00 | €85.00 | D | PF | Chlorine for water feature | 7/8/14 | 14088 | 1041 | 1463 | | 8230 |
| 43 | ARMS Ltd | €235.36 | €235.36 | D | PF | Water and electricity consumption (Adm. Offices) | 12/07/14 | 18826291 | n/a | n/a | | 8231 |
| 44 | Petty Cash | €100.00 | €100.00 | D | PF | Petty cash | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8232 |
| 45 | Miller Distributors Ltd | €336.30 | €336.30 | D | PF | Books for public library | 22/07/14 | SIN-BKS226186 | 1023 | 1445 | | 8233 |
| 46 | ARMS Ltd | €130.00 | €130.00 | D | PF | Extension to temporary electical supply ( handli tal-maghluq) | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8191 |
| 47 | Payroll | €7,208.94 | €7,208.94 | N/A | N/A | employees salaries & mayor's honorarium for July 2014 | n/a | n/a | n/a | n/a | | various |
| 48 | John Borg | €600.00 | €600.00 | D | PF | Weeding in various Streets | 18/07/14 | INV5/14 | | 11/12/03 | | 8198 |
| 49 | V&A Services Ltd | €4,475.64 | €4,475.64 | T | PF | Door to door refuse collection for July 2014 | 01/08/14 | MXLC010 | n/a | n/a | | 8200 |
| 50 | Joseph Borg | €300.00 | €300.00 | D | PF | Bulk refuse collection on festa weekend | 04/08/14 | INV1/14 | 1037 | 1460 | | 8201 |
| 51 | John Borg | €550.00 | €550.00 | D | PF | Street Sweeping and powerwashing on festa weekend | 04/08/14 | INV6/14 | 1034 | 1456 | | 8202 |
| 52 | Miller Distributors Ltd | €16.78 | €16.78 | D | PF | Books for public library | 23/07/14 | SIN-BKS226932 | 1023 | 1045 | | 8233 |
| 53 | WasteServ Malta Ltd | -€ 12,592.00 | -€ 12,592.00 | D | PF | Credit Note | 26/04/2013 | 8239 | n/a | n/a | | 8234 |
| 54 | WasteServ Malta Ltd | € 290.28 | € 290.28 | D | PF | Allocated MSW Waste (March 14) | 15/04/2014 | 48775 | n/a | n/a | | 8234 |
| 55 | WasteServ Malta Ltd | € 845.36 | € 845.36 | D | PF | Allocated MSW Waste (March 14) | 15/04/2014 | 48821 | n/a | n/a | | 8234 |
| 56 | WasteServ Malta Ltd | € 95.82 | € 95.82 | D | PF | allocated MSW Waste (April 14) | 05/05/2014 | 49733 | n/a | n/a | | 8234 |
| 57 | WasteServ Malta Ltd | € 374.30 | € 374.30 | D | PF | allocated MSW Waste (April 14) | 01/05/2014 | 49448 | n/a | n/a | | 8234 |
| 58 | WasteServ Malta Ltd | € 1,730.84 | € 1,730.84 | D | PF | allocated MSW Waste (April 14) | 01/05/2014 | 49525 | n/a | n/a | | 8234 |
| 59 | WasteServ Malta Ltd | € 26.90 | € 26.90 | D | PF | allocated MSW Waste (April 14) | 01/05/2014 | 49689 | n/a | n/a | | 8234 |
| 60 | WasteServ Malta Ltd | € 1,389.58 | € 1,389.58 | D | PF | Allocated MSW Waste (May 2014) | 16/06/2014 | 50238 | n/a | n/a | | 8234 |
| | **Sub Total c/f** | **6249.1** | **€6,249.10** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **8011.48** | **€8,011.78** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **14260.58** | **€14,260.88** | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 40**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK**

**Skeda Nru. 8/14**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 18/7/14 sa 19/08/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | WasteServ Malta Ltd | 349.28 € | 349.28 € | D | PF | Allocated MSW Waste (May 2014) | 16/06/2014 | 50179 | n/a | n/a | | 8234 |
| 62 | WasteServ Malta Ltd | 715.54 € | 715.54 € | D | PF | Allocated MSW Waste (June 2014) | 15/07/2014 | 50875 | n/a | n/a | | 8234 |
| 63 | WasteServ Malta Ltd | 200.13 € | 200.13 € | D | PF | Allocated MSW Waste (June 2014) | 15/07/2014 | 50829 | n/a | n/a | | 8234 |
| 64 | WasteServ Malta Ltd | 642.85 € | 642.85 € | D | PF | Allocated MSW Waste (June 2014) | 01/07/2014 | 50556 | n/a | n/a | | 8234 |
| 65 | WasteServ Malta Ltd | 179.83 € | 179.83 € | D | PF | Allocated MSW Waste (June 2014) | 01/07/2014 | 50495 | n/a | n/a | | 8234 |
| 66 | WasteServ Malta Ltd | 198.24 € | 198.24 € | D | PF | Allocated MSW Waste (July 2014) | 01/08/2014 | 51163 | n/a | n/a | | 8234 |
| 67 | WasteServ Malta Ltd | 713.67 € | 713.67 € | D | PF | Allocated MSW Waste (July 2014) | 01/08/2014 | 51214 | n/a | n/a | | 8234 |
| 68 | WasteServ Malta Ltd | €5,477.55 | €5,477.55 | D | PF | Allocated MSW Waste | 26/03/14 | 47734 | n/a | n/a | | 8234 |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | Sub Total c/f | 8477.09 | €8,477.09 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | =C93 | €14,260.88 | | | | | | | | | |
| | Total | 8477.09 | €22,737.97 | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Approvati fis-Seduta Nru: 40

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

## Petty Cash - Lulju 2014

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| \ | Jascar | Stationery | 07/07/2014 | -€ 6.46 |
| PC065/2014 | T.M. Ironmongery | Sealer | 07/07/2014 | -€ 3.50 |
| PC066/2014 | Jascar | Hospitalities | 11/07/2014 | -€ 10.99 |
| | | ***Petty cash Cheque No. 8154*** | | € 100.00 |
| PC067/2014 | T.M. Ironmongery | Drilling bit, screws | 16/07/2014 | -€ 5.00 |
| PC068/2014 | Schembri Concrete Blocks | Sand | 16/07/2014 | -€ 3.00 |
| PC069/2014 | Drago Stationery | Plastic for book wrapping (library) | 02/07/2014 | -€ 14.50 |
| PC070/2014 | Drago Stationery | Stationery for library | 02/07/2014 | -€ 12.50 |
| PC071/2014 | T.M. Ironmongery | 2x screwdrivers | 11/07/2014 | -€ 4.00 |
| PC072/2014 | Maltapost plc | stamps | 16/07/2014 | -20.51 |
| PC073/2014 | Brittania Pharmacy | First aid kit & medicine for public library | 18/07/2014 | -€ 17.15 |
| PC074/2014 | T.M. Ironmongery | Extension | 23/07/2014 | -€ 6.00 |
| PC075/2014 | T.M. Ironmongery | screws | 24/07/2014 | -€ 2.80 |

Approved on ____________________

Edric Micallef
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

Purchase Orders and Purchase Request for July 2014

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1419 | 998 | 7/1/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 15.94 | 29 |
| 1420 | 999 | 7/1/2014 | Bitmac | 30 bags IRR | Patching | € 166.00 | 29 |
| 1421 | 1000 | 7/1/2014 | Sea Coast | Daily Supplies | Office | € 75.40 | 29 |
| 1422 | 1001 | 7/1/2014 | Nazzareno Camilleri | Skip Hire Delimara | Tindif | € 70.00 | 29 |
| 1423 | 1002 | 7/1/2014 | GO plc | Internet Key Agreement | Office | € 79.00 | 29 |
| 1424 | 1003 | 7/2/2014 | Deep Design | Website Agreement | Website | € 455.40 | 29 |
| 1425 | 1004 | 7/2/2014 | AID Ltd | Live Streaming Installation | ve Streamir | € 3,777.60 | 29 |
| 1426 | 1005 | 7/3/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 3.97 | 29 |
| 1427 | 1007 | | | | | | 29 |
| 1428 | 1006 | 7/4/2014 | Phillip A. Tabone | Thoroseal/Master Seal | ıntana Pjaz | € 149.20 | 29 |
| 1429 | 1008 | 7/7/2014 | Nazzareno Camilleri | Skip Hire | ıntana Pjazza | | 29 |
| 1430 | 1009 | 7/7/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal-Van | Van | € 50.00 | 29 |
| 1431 | 1010 | 7/7/2014 | Ervis Vila | Service and Parts | Condition | € 158.00 | 29 |
| 1432 | 1011 | 7/7/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 20.58 | 29 |
| 1433 | 1012 | 7/7/2014 | Valley Petshop | 50 pots | Parking Po | € 72.50 | 29 |
| 1434 | 1013 | 7/9/2014 | Cortis Timber | 20 Kurrenti u 3 folji 3-PLY | Parking Po | € 180.00 | 29 |
| 1435 | 1014 | 7/9/2014 | Maltapost | 192 Stamps | Office | € 49.92 | 29 |
| 1436 | 1015 | 7/11/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 1.19 | 29 |
| 1437 | 1016 | 7/14/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal-Van | Van | € 44.30 | 29 |
| 1438 | 1017 | 7/15/2014 | Victor Busuttil | Bowser ilma | ıntana Pjaz | € 29.50 | 29 |
| 1439 | 1018 | 7/15/2014 | JJ Ironmongery | 2 Cement | Parking Pots | | 29 |
| 1440 | 1019 | 7/15/2014 | TM Ironmongery | Various Supplies | Letrini | € 1,081.75 | 29 |
| 1441 | | | | | | | 29 |
| 1442 | 1020 | 7/16/2014 | Cleavon Fenech | Weeding and Bulky Refuse | Tindif | € 700.00 | 29 |
| 1443 | 1021 | 7/18/2014 | JJ Ironmongery | Various Supplies | Parking Pots | | 29 |
| 1444 | 1022 | 7/18/2014 | John Borg | Weeding | Tindif | € 600.00 | 29 |
| 1445 | 1023 | 7/23/2014 | Miller Distributors Ltd | Books as per quote 212 | Library | € 353.00 | 29 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1446 | 1024 | 7/23/2014 | Agius & Agius Ltd | Books as per quote 38119 | Library | € 160.67 | 29 |
| 1447 | 1025 | 7/23/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghall-Van | Van | € 72.00 | 29 |
| 1448 | 1026 | 7/22/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 56.37 | 29 |
| 1449 | 1027 | 7/25/2014 | Cleaning Services Directorate | Public Convenience Services | Festa | € 118.00 | 29 |
| 1450 | 1028 | 7/28/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghall-Van | Van | € 53.01 | 29 |
| 1451 | 1029 | 7/28/2014 | Neptune Pools | klorin | funtana | € 85.00 | 30 |
| 1452 | 1030 | 7/29/2014 | Nazzareno Camilleri | skip hire | Tindif | € 70.00 | 30 |
| 1453 | 1031 | 7/29/2014 | Cleaning Services Directorate | Public Convenience Services | Festa | € 354.00 | 30 |
| 1454 | 1032 | 7/30/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 7.23 | 30 |
| 1455 | 1033 | 7/30/2014 | Micar | Daily Supplies | Office | € 6.52 | 30 |
| 1456 | 1034 | 7/31/2014 | John Borg | Cleaning of promenade/ Maghluq | Festa | € 550.00 | 30 |

Edric Micallef
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv